MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 825/2004

Kawza fil-lista: 18

**David u Carmelina konjugi Vassallo**
**Vs**
**Dr. Tonio Azzopardi b'digriet tas-27 ta' Lulju 2004 gie nominat minflok Dr. Richard Sladden illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Gunju 2004 gie mahtur kuratur deputat ta' Dennis Charles u martu Concetta Charles bin-numru tal-karta tal-identita' 811758(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ppremettew:

Premess illi l-atturi xtaqu jadottaw tifla mill-Pakistan ta' bejn xhar u tlett xhur fl-eta u ghalhekk intrabtu mal-konvenuta Concetta Charles sabiex l-istess konvenuta

tipprovdilhom tifla ghall-adozzjoni taht certi pattijiet u kundizzjonijiet rizultanti fi ftehim iffirmat bejn l-atturi u l-konvenuta nhar is-sitta ta’ Marzu elfejn u wiehed (06/03/2001), kopja hawn annessa u markata Dokument “A”;

Premess illi ghal din l-adozzjoni, l-atturi hallsu lill-konvenuta s-somma ta’ hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500), liema somma giet moghtija f’zewg pagamenti;

Premess illi, minkejja d-diversi weghdiet da parti tal-konvenuta, l-imsemmija tifla mill-Pakistan baqghet ma waslitx l-konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta’ hamest elef u hames mitt Lira Maltin, skond skrittura privata hawn annessa u markata Dokument “A” u ghalhekk il-ftehim m’ghadux jorbot lill-partijiet;

Premess illi, ghalkemm l-atturi sejhu lill-konvenuta sabiex taddivjeni ghar-restituzzjoni tas-somma komplessiva ta’ hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500), hija baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni xi ggib f’dan ir-rigward stante illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-atturi qeghdin jannettu ma’ din ic-citazzjoni affidavit ghall-iskop ta’ l-istess artikoli msemmija;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew minn minnhom, ghar-ragunijiet imsemmija u prevja kull dikjarazzjoni li hi mehtiega skond il-ligi, ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-atturi bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tiddikjara illi l-ftehim datat tas-sitta ta’ Marzu elfejn u wiehed (06/03/2001), m’ghad ghandu l-ebda effett u dan peress illi l-istess ftehim skada; u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500).

Bl-ispejjez u l-imghax legali, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ April 2004, r-rikors tal-20 ta’ Mejju 2004 sabiex jigi appuntat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Dennis Charles, kif ukoll tal-prezenti procedura.

U bl-ingunzjoni tal-konvenuti illi ghaliha minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-atturi u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deheru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------